MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1863/1997/1

**J. Grima & Sons Limited**

**Vs**

**Anton Agius**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta' Awissu 1997 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma komplessiva ta' elfejn, tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm2388.31) rapprezentanti l-prezz bilancjali ta' diversi konsenji ta' merkanzija lilu fornuta u konsenjata mis-socjeta` attrici;

Premess illi l-konvenut interpellat ghall-hlas bilancjali baqa' inadempjenti;

Premess illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m' ghandux eccezzjonijiet x' jaghti ghat-talbiet attrici;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neccessarja u opportuna:-

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 – 171 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont bilancjali kumplessiv ta' Lm2388.31 flimkien ma' l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 4402/97 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tat-18 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut pprezentata fit-3 ta' April 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni hija ntempestiva stante li jezisti ftehim bejn il-partijiet illi l-esponent ihallas b' rata ta' Lm150 fil-gimgha liema ftehim l-esponent dejjem adempixxa;

2. Subordinatament u bla pregudizzju l-attur ghandu jirrifondi lill-attur l-eccess fil-prezz li l-esponent hallas, bi ksur tal-ligi, kif jirrizulta mill-annessa kontro-talba;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha huwa ppremetta:

Illi l-konvenut kien iforni ruhu b' merkanzija, minghand l-attur, fuq bazi ta' kont kurrenti, skond ma jirrizulta mid-dokument anness mal-kontro-talba – Dok. C - u jhallas akkont;

Illi rrizulta lill-esponent illi l-attur ripetutament eziga prezz li huwa wisq in eccess ta' l-ammont permess mil-ligi lill-importaturi;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tillikwida dan l-eccess;

2. Tikkundanna lill-attur jirrifondi u jhallas lill-konvenut kull somma li tirrizulta mhallsa in eccess tal-prezz legali wara li jitnaqqas kull akkont li jirrizulta ga mhallas. Bl-imghaxijiet;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru 1997 kontra l-attur li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut akkompanjanti l-kontro-talba tieghu, kif ukoll l-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fis-26 ta' Gunju 1998 li fiha hija eccepiet:-

1. Illi mhuwiex minnu li s-socjeta` esigiet xi ammont in eccess tal-prezz legali, u ghalhekk ma ghandha tirrifondi l-ebda ammont kif pretiz fil-kontro-talba odjerna;

2. Bir-rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Lulju 2000 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

Rat l-affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Ir-rabta kuntrattwali bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut kienet tikkonsisti filli l-konvenut jixtri minghand is-socjeta` attrici grossita merce ghall-bejgh bid-dettal minnu mill-hanut tieghu f’ Rahal Gdid;

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi l-konvenut ghad baqalu jhallasha s-somma bilancjali minnha reklamata fic-citazzjoni. Minn naha tieghu l-konvenut jiddefendi ruhu billi jsostni illi bejn il-partijiet kien jezisti ftehim dwar il-modalita` tal-hlas u li dippju, permezz ta’ kontro-talba, jippretendi wkoll illi s-socjeta` attrici ezigiet minghandu prezz in eccess ta’ dak konsentit mil-ligi;

Joseph Grima u martu Josette Grima, diretturi tas-socjeta` attrici, jiddikjaraw fl-Affidavits rispettivi taghhom (fol. 28 u fol. 4) illi huma ghaddew ghall-azzjoni prezenti ghaliex il-

konvenut kien ghamel zmien twil ma jiskonta l-ammont li kellu jaghti ghall-merce provvduta lilu. Biex isostnu din id-dikjarazzjoni taghhom huma esebew ittra datata 20 ta' Jannar 1997 (fol. 60) mibghuta mill-konsulent legali tal-konvenut. Fiha inkiteb illi l-konvenut filwaqt li kien qed jirrikonoxxi l-ammont minnu reklamat ma kienx in grad li jhallas l-ammont kollu f' daqqa minhabba problemi finanzjarji li kellu;

L-atteggjament tal-konvenut ghall-pretiza tas-socjeta` attrici ghall-hlas hu traskritt fl-Affidavit tieghu a fol. 66 b' dan il-mod:

1. Kien jezisti ftehim li x-xiri tal-prodotti jsir "*on credit*". In dimostrazzjoni ta' dan esebixxa numru ta' cekkijiet (fol. 81 sa fol. 91) bl-iskop li b' hekk juri illi dan kien l-arrangament bejn il-partijiet;

2. Jghid li mbaghad fl-1996 s-socjeta` attrici bdiet tinsisti ghal hlas kontra konsenja ghal fornitura ta' merce. Hu jghid li dan ippeggjoralu l-qaghda tieghu u ghalkemm baqa' jiskonta l-kont l-antik b' pagamenti rateali ma baqax jordna minghand is-socjeta` attrici u fl-ahhar kellu jzarma ghax fi kliemu stess "in-negozju qata' lura";

3. Jikkontendi wkoll illi s-socjeta` attrici kienet ippromettietlu *discount* li qatt ma nghatalu. Il-persentagg tad-*discount* ma giex precizat pero` dwar il-weghda li sartilu f' dan ir-rigward ghandu l-konferma tal-habib tieghu Joseph Aquilina (fol. 68) u ta' missieru Emilio Agius (fol. 72);

4. Jinghad ukoll illi l-pagamenti waqfu jsiru fl-1997;

Mill-provi akkwiziti jistghu jigu distillati dawn l-aspetti l-aktar sinjifikattivi:

I. Kif mistqarr minnu stess in kontro-ezami (fol. 92) il-konvenut qatt ma kkontesta li ghandu jaghti flus izda

biss li kien hemm divergenzi dwar l-ammont li kellu jhallas;

II. Il-posizzjoni assunta mill-konvenut kienet dejjem tirrigwarda l-modalita` tal-hlas;

Dawn iz-zewg aspetti effettivament jinsabu tradotti fl-ittra tat-30 ta' April 1999 (fol. 62) li fil-mori tal-kawza ntbaghtet mill-avukat tal-konvenut lid-difensur tas-socjeta` attrici. Fiha nghad, ghalkemm minghajr il-provvizjon ta' dettalji, illi l-bilanc li jirrikonoxxi li ghandu jaghti kien ta' elfejn tliet mija u sittin lira (Lm2360), li fuqhom kien qed jippretendi *discount*. Izid jaggungi li hu kien lest ihallas kull bilanc permezz ta' rati mensili;

Kif manifest minn din l-ittra mkien ma jissemma fiha l-fatt dedott fil-kontro-talba dwar l- allegat eccess tal-margini massimu tal-profitt li setghet taghmel is-socjeta` attrici fuq il-prodotti venduti. Effettivament provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni ma ngiebux jew ma kienux sodisfacenti. Il-fatt biss li d-dazju fuq "*dried flowers*" hu ta' ghoxrin fil-mija (20%), skond kif depost minn Victor Gruppetta ufficcjal tad-Dwana (fol. 104), ma jibbastax ghal finijiet tal-prova u konvinciment dwar l-allegat eccess, gjaladarba wkoll, l-ebda rapprezentant tad-Direttur tal-Kummerc ma gie prodott ghall-iskop ta' din il-prova kjave. F' dan is-sens ghalhekk kemm it-tieni eccezzjoni kif ukoll il-kontro- talba ma jirrizultawx li gew sodisfacentement pruvati;

Kwantu ghall-ftehim allegat mill-konvenut dwar il-facilitajiet kreditizji tal-hlas lilu moghtija mis-socjeta` attrici u dwar liema ghad-domanda f' daqqa ghal hlas eccepixxa l-intempestivita, ghandu jinghad illi filwaqt li huwa minnu, fuq il-bazi tal-provi ottenuti, illi f' xi zmien kien jezisti tali ftehim dan ma jfissirx illi s-socjeta` venditrici kellha tibqa' marbuta mieghu, anke jekk fil-frattemp ikun per ezempju inbidel l-istat tax-xerrej;

Certament, hadd ma jista' jlum lis-socjeta` attrici illi tinsisti ghall-hlas kollu bilancjali li jkun jirrizulta f' mument fejn is-

sitwazzjoni finanzjarja tax-xerrej u debitur taghha tkun tidher li kienet wahda peggjorata u kien ghalhekk jirrizultalha perikolu reali li l-kreditu taghha ma jigix sodisfatt. Tali qaghda hi sahansitra f' dan il-kaz ammessa mill-konvenut. Ara ittra ta' l-avukat tieghu a fol. 60 tal-process;

Kif ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tas-27 ta' April 1895 fil-kawza "**Diacono –vs- Trudlander *nomine***", (**Vol. XV pagna 120**), "*non bastano vaghi timori sulla solvibilita` del compratore, ma trattandosi di un commerciante e` necessario che si abbia o la effettiva cessazione dei pagamenti od almeno un serio pericolo che quel sinistro si avveri durante la dilazione conceduta pel pagamento del prezzo o che il compratore abbia subito cambiamenti economici dopo la vendita sufficiente a destare seri timori di prossimo fallimento*.";

Hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti mill-insenjament appena accennat illi fil-kaz prezenti – sitwazzjoni finanzjarja mwiergha, negozju li ma baqax jirrendi, zarmar ta' l-istess negozju – kienu jezistu cirkostanzi tali illi s-socjeta` attrici ma tkomplix tikkoncedi prorogi ghall-pagament;

Dan premess, tifdal x' tigi konsiderata l-ahhar kwestjoni riferibilment dik dwar id-*discount* invokata mill-konvenut fuq l-ammont mitlub. Pretensjoni din li kif allegat minnu giet imweghda lilu u li fl-ebda mument ma giet zmentita mis-socjeta` attrici;

Mhux hekk biss pero`. Fiha nfisha, ghal din il-Qorti, anqas tidher li ma hijiex verosimili jew reali. Mhux eskluz li f' negozju ta' din ix-xorta, anke biex dak li jkun ihajjar lit-terz jixtri l-prodott minghandu, illi jkollok ftehim bejn zewg negozjanti dwar *discount* kif allegat mill-konvenut f' din l-istanza. Ftehim dwar skont bhal dan mhix xi haga anormali jew ta' barra minn hawn;

Is-socjeta` attrici tista' tobbjetta illi x-xhieda korroborattiva dwar il-weghda li allegatament saret minnha gejja minn persuni li huma b' xi mod interessati in kwantu l-wiehed Joseph Aquilina hu habib intimu tal-konvenut u l-iehor, Emilio Agius, hu missieru;

Certament illi l-interess hi cirkostanza li wiehed ghandu jzomm in vista fl-apprezzament ta' xhud, izda kif inghad (**Vol. XLVIII P I p 581**) dan ma ghandux jigi ezagerat u forsi lanqas hu gust li, bla ebda gustifikazzjoni ohra, jinsinwa li xhieda mhux kredibbli meta qed jixhdu fuq fatti li jistghu jixhdu fuqhom appuntu ghax inzertaw prezenti u minhabba f' hekk kienu korroboranti ta' dak affermat minn xi hadd fost il-partijiet;

Fic-cirkostanzi, il-Qorti thoss illi t-tezi tal-konvenut in kwantu ghal dan l-aspett tal-vertenza timmerita konsiderazjoni. Gjaladarba l-percentwali ta' l-iskont baqa' imprecizat jidhrilha li bl-uzu ta' l-arbitriju din ghandha tkun ta' ghaxra fil-mija (10%) fuq l-ammont reklamat ossia skont ta' mitejn, tmienja u tletin lira, tlieta u tmenin centezmu (Lm238.83,0).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja r-rigett ta' l-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba, tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' elfejn mija u disgha u erbghin lira Maltija, tmienja u erbghin centezmu (Lm2149.48.0) bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (2 ta' Ottubru 1997);

L-ispejjez kollha gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------